# DISA' XHUR FIS-SALT

*(Jorbot mal-aħħar ħarġa)*

Fis-Salt hemm għâda għariba: fil-Milied, u fl-Għîd il-Kbîr ukoll, qabel il-quddiesa ta' nofs il-lejl (għax sa mis-sena 1928, fiż-żmien li jien kont hemm kienet issir quddiesa f'nofs il-lejl fil-Għîd il-Kbîr ukoll) il-Matutin qabel il-quddiesa, ikantawħ bil-Għarbi, ir-rġiel tal-Parroċċa. Trid târa kull raġel m'ogħla hawn, fuq il-Presbiterju liebes *iċ-ċiber* u l-għabaj, u l-ħatta fuq râsu, ikanta l-lezzjonijiet bil-Għarbi. Qabel il-lezzjoni jbaxxi rasu lejn il-kurât u jkanta l-"Jube Domine bendicere" bil-Għarbi, u jgħid: *Bârek ja sâjed* !, itawwal il-vokali kemm jista', kif inhi d-drawwa t'hemmekk.

Drawwiet gharîba għandhom ukoll f'dak li hu żwieġ. Iż-żagħżugħ li jrid jiżżewweġ, ikollu jagħti l-flûs lil missier ix-xebba. Dak iż-żmien li kont hemm jien, ta' xebba li jkollha kollox kif imur, jiġifieri: tkun sabîħa żgħîra fil-għomor, f'saħħitha sew u bil-għaqal, kien jeħtieġ li jagħtih mitejn, jew mitejn u ħamsîn lîra. Ta' oħrajn, li ma jkunux sbieħ, jew li jkollhom xi nuqqâs, jew ftit kbâr fiż-żmien, jitħallas anqas. Ġie li l-missierijiet jibdlu l-bniet; jiġifieri: kull wieħed miż-żewġt irġiel, ikollu għażżwieġ tifel u tifla. It-tifla tal-wieħed, jiżżewwiġha t-tifel tal-ieħor, u bil-maqlûb, it-tifla ta' dak jiżżewwiġha t-tifel ta' dan. Meta jsîr hekk, flûs ma jitħallsu xej. Il-bniet jiżżewġu l-aktar ta' ħmistaxer sena, u drâbi qabel ukoll. Jekk tifla taqbeż it-tmintax, tkun magħdûda li kibret iżżejjed. Is-subjien jiżżewġu l-aktar bejn il-għoxrîn u t-tletîn sena, biex ikollhom żmien iġemmgħu l-flûs li jridu jâgħtu lil missier il-għarûsa. Jekk raġel jormol, qisu dejjem jarġa' jiżżewweġ, imqâr ikollu sebgħîn sena.



*Is-Salt — Kif jilbsu r-rġiel tat-Transġordanja Tal-lemin liebes il-farwa, u tax-xellug liebes il-għabaj.*

Nies li jibqgħu għożżieb għomorhom kollu minn rajhom, f'dawn l-artijiet ma jinsabux. Hemm irġiel li biex jiżżewġu jissellfu l-flûs u jdûmu mid-junîn is-snîn il-kbâr.

Mîn ikûn irîd jiżżewweġ, fit-Transġordânja, jibgħat joħtob lix-xebba m'hux ma' mara, kif kienu jagħmlu hawn Malta dâri, imma mal-kurât. Il-kurât ijmur, ma' missier il-għarûs u xi rġiel oħra għand missier ix-xebba, u joqogħdu jitħaddtu fuq mitt ħâġa barra minn fuq iż-żwieġ, għal kemm il-koll ikûnu jâfu għal fejn il-

taqgħu. Meta missier ix-xebba jġîb il-kafè lil dawk li ġew, il-kurât jaqbeż jgħidlu: "Ma nixorbûx kafè, anqas indûqu xej minn għandek jekk ma tagħtix bintek lil bin il-flien. Hu jagħtîk tagħha daqs hekk flus (jew nagħaġ, jew iġmla, jew baqar, etc.). U dak kif ikûnu miftehmîn minn qabel, jgħîdlu iwa. It-tieġ isîr filknisja bħal Malta, imma l-kliem tattberîk taż-żwieġ, il-kurât ikantaħ, jgħajjat u jtawwal leħnu kemm jiflaħ, biex iġibha bi kbîra kemm jista' jkûn. L-ikla tat-tieġ issîr id-dar.

Meta dak li jkun jiżżewweġ, ilmara tkun bħal bhima tiegħu; ara kemm, li l-Għarab għandhom dan ilqawl: *Il-mara hi mara bil-lejl; imma hi ħmara bi nhar.* U jista' jsawwatha kemm irid, u l-Pulizija ma tistax tkellmu. Jien rajt b'għajnejja fis-Salt, raġel isawwat lil mara, u hi twerżaq, fl-intrata, hada l-bieb, jagħtiha bil-ponn fuq daharha, jgħaddsilha rasha u jġebbdilha xagħarha, u Puliżija barra, hada l-bieb, iħares u ma jitkellem xej. Ijwaqqfu u jieħdu l-għassa jekk iferiha; jekk isawwatha biss, ma jkellmux.

Drawwa ħażîna tal-Insâra tas-Salt (u naħseb il-Misilmîn agħarr minnhom) li kienu għadhom ma qatgħuhiex (u anqas naħseb li qatgħuha issa) kienet il-ġl'ed. Meta jiġġieldu tnejn min-nies, nieshom, jew ħbiebhom, ma jmorrux iferqûhom, bħal ma jagħmlu hawn Malta, imma jmorru jgħinûhom jiġġieldu, jiġifieri jmorru jagħtu magħhom. Fejn ġew flidejn tnejn min-nies, kemm trodd salîb tagħqad ġlieda ta' xi għoxrîn jew tletîn rûħ, kull ħadd jagħti b'idejh jew b'li jsîb quddiemu sa ma tasal il-Pulizija. Imbagħad miskîn ilkurât, kemm ikollu jitħâbat biex jarġa' jagħmilhom ħbieb!

Hawn sa nsemmi xi ħâġa fuq tnejn min-nies li nafhom, Insara-Latini, mis-Salt, li fuq qalbhom, xjiehu u baqgħu ma żżewġux: Sâleh u Nwejser.

Sâleh kien jagħmel xi qadja fid-Dejr tal-Patrijarka (dak iż-żmien kien Mons. Luiġi Barlassina) f'Ġerusalem. Sâleh kellu xi ħamsin sena, u bix-xogħol li kien ħadem ma' ħajtu kollha kien faddal erbgħîn lira. B'dawn il-flus ried jiżżewweġ, u nies dik li ried jieħu, talbuħ il-flus quddiem. L-iblah taħomlhom! Imbagħad huma ħassru l-egħrusija, u la tawh il-"mara" anqas raddewlu l-flus. Jekk hux għal hekk jew għal xi ħaġa oħra, ftit wara l-Patrijarka keċċieħ mix-xogħol. Kien iġiblek ħnena tarah imûr jittallab xi girx minn għand il-ħaddiema l-oħra, li qabel kienu sħabu, biex jixtri xi ħâġa li jkun jeħtieġ. F'hekk wasslu n-nuqqas ta' ħsieb!

L-ieħor, Nwejser, li ma żżewwiġx, kien mis-Salt ukoll. Dan, meta sirt nafu jien kellu xi sebgħin sena, imma jekk tarah kont tgħid li għandu xi erbgħin; kien twil, wieqaf, u xagħru u l-leħja suwed. Żamm ruħu tajjeb hekk, kif kienu jgħidu, għax jiġrilu x'jiġrilu, xejn ma kien jinkedd. Kif smajtu jgħid darba lil Dun Ġubrajil, Nwejser kellu ħafna ġîd minn dâru u niesu ħadulu kollox. U hu mar jaħdem u ma ħabbel rasu xejn. Kien jaf idoqq l-armonju. Sabîħa meta drabi kien ikun idoqq l-armonju filknisja f'xi funzjoni u t-tfal ikantaw. Hu u jdoqq kien jongħos, u għal kemm ikun rieqed, l-armonju jdoqqu sew! Kemm-kemm temmen jekk ma tarax!

Dan ukoll darba ried jiżżewweġ. U ftiehmu x'erbat irġiel Insara-Latini, mis-Salt (smajtu jgħid wieħed

minnhom meta kont hemm) u râġel minnhom libes ta' mara, u l-oħrajn marru sabu lil Nwejser u qalulu li kienu sabulu għarûsa, jekk irid imur jaraha. Dak mar magħhom, u billi *hi* kienet wiċċha mgħotti b'mustaxija sewda, kif jagħmlu x-xebbiet t'hemmekk, ried ukoll jaralha wiċċha. kien romol u ried jarġa' jiżżewweġ, imma flûs ma kellux wisq, biex jieħu għarûsa sabiħa, żagħżugħa u għaqlija. Għal hekk biex ma jibqâx bla mara, ħà waħda ta' xi erbgħin sena, kerha u belha, li ma riedha ħadd, u biex ma jingħadx li ma kienet tiswa xejn, ħallas tagħha għoxrin lira.



*Salt, Tranġordanja. Il-Muħtâr tal-Insara Latini tas-Salt, Jusef Weġweġ jiġifieri r-Rajjes tagħhom, u ma' ġenbu ibnu li jismu Għuda.*

U kixfet wiċċha u deher râġel b'leħja u baffi daqsiex! U tgħidx kemm damu jidħku bih.

Meta kont is-Salt jien, il-Muħtâr (qisu bħal Sindku) tal-Latini kien râġel imdaħħal fiż-żmien, magħlub, twajjeb, jismu Jûsef Weġweġ. Dan Imma m'skin, ħażin ħabat magħha! Ma kenitx toqgħod id-dar tagħmel il-faċendi, imma dejjem tiġġerra barra u tagħmel il-bluħât.

Darba, fil-għaxija, konna għand il-kurât (dak iż-żmien kien Dun Vergani) xi sitt irġiel, fosthom żewġha,

u hi ġiet. Fetħet il-bieb, tât it-tarbija f'idejn wieħed râġel milli kienu hemm, u bdiet taqbeż fin-nofs u tgħajjat: "Raħm is-Sultân! Raħm is-Sultân! . . . Imân, iman . . . Allah hu akbar!" (kliem li jingħad minn min ikun Lhûdi jew Nisrâni u jaqleb Mislem). U ħabtet sa tqatta' ħwejjiġha. Il-kurat qabad jgħajjat u jkeċċiha, u r-rġiel qabduha, tawha t-tifla, u tefgħuha 'l barra, u għalqu l-bieb. Hi tât daqqa ta' ponn fuq ħġieġa tal-bieb, kisritha, u baqgħet sejra.

Hemm is-Salt ukoll, kien hemm wieħed raġel Armên, Nisrani-Kattolku, miżżewweġ, imma l-mara tiegħu ma kellhiex tfâl, għal hekk ried jiżżewweġ oħra. X'għamel? Kellu għalqa ħdejn għolja, b'ħabel raba fuq u ieħor taħt. Ħaffer fil-ħajt talħabel ta' taħt u għamel bħal girna taħt il-ħabel ta' fuq. Daħħal il-mara hemm ġew, taha x'tiekol u x'tixrob, u qalilha ma toħroġx minn hemm qabel ma hu jarġa' jiġi minn Ġerusalêm. Mar Ġerusalêm għand l-Isqof tagħhom u talbu l-ħalla biex jiżżewweġ. L-Isqof ra r-reġistru u qallu li fih kien miktub li hu kellu mara. L-Armên wieġbu: "Dik qegħda taħt it-trab!" u l-isqof fehem li l-mara kienet mietet, u tâh il-ħalla li jiżżewweġ, bil-miktub. U dak mar f'raħal, sab mara, ħallas tagħha u żżewwiġha.

Meta ġie s-Salt bil-mara l-oħra, il-kurât, Dun Ġubrajil, qallu: "Ma tistħix, int Nisrani u tiżżewweġ żewġ nisa?" U l-Armên wieġbu: "U int ma tistħix, Nisrani u ma tiżżewwiġx? Jien żżewwiġt tnejn biex inħallas għalik, għax inti ma ħadtx waħda."

Fil-bidu ta' dan il-kitba, semmejt id-Divân, li hemm fid-Dejr, fejn Mgħallem Rokk kien sa jbajjad iżżewġ pitturi sbieħ li kien hemm fuq il-ħajt, qabel ma Dun Ġubrajil raġa' lura minn Ġerusalem. Id-Divan hu sala kbira bil-bankijiet malħitan, u fin-nofs, faċċata tal-bieb, siġġu tad-dirgħajn; 'il fuq mis-siġġu, imdendel mal-ħajt, inkwatru kbir bir-ritratt tal-Patrijarka ta' dak iżżmien: Mons. Barlassina. Il-kurat, drabi, fil-għaxija wara l-ikel hemmekk kien (biex ngħidu hekk) jagħti udjenza. Kien iħalli bieb id-Dejr miftuħ, u meta r-rġiel tat-Tajfa (jiġifieri tal-Parroċċa) jarawh miftuħ, jidħlu. Dak il-ħin hu kien ikun qiegħed fuq is-siġġu l-kbir, u r-rġiel joqogħdu qribu, fuq il-bankijiet. Jidħlu wieħed-wieħed, jew tnejn-tnejn, kif ikunu għaddejjin, u joqogħdu hemm, għal kenn, jitħaddtu. L-etiketta tal-Għarab hija hekk: malli jidħol ir-raġel jgħid lil kull ħadd f'daqqa: *Missîkom bil-ħajr*! (jiġifieri: *Alla jagħtikom lejla tajba*) u huma kollha f'daqqa jweġbuh: *Missîk bil-ħajr*. Imbagħad joqgħod bil-qegħda u l-kurat jgħidlu: *Missik bil-ħajr*!, u hu jwieġeb hekk ukoll. Hekk ukoll jagħmlu r-rġiel kollha, wieħed-wieħed, isellmu lil dak li daħal ġdid, u wara jibqgħu sejrin bit-taħdit, aktarx fuq iż-żriegħ, fuq l-uċuħ tarraba, fuq ix-xita, jew fuq xi ħaġa li tkun ġrat Għammân jew Ġerusalem. Drabi l-kurat iqabbad lil koka, Omm-Nażâr, tagħmel għal kull ħadd kikkra kafè Għarbi (jiġifieri kikkra żgħira bla widna, bil-kafè qawwi, morr, bla zokkor) u drabi le. Joqogħdu hemm sa xi t-tmienja u nofs jew id-disgħa, u mbagħad jibdew ħerġin wieħed-wieħed, u jmorru lejn id-dar.

Semmejt qabel li hemm muntanja għolja, in-naħa tal-Għarb tas-Salt, jgħidulha Ġebel Għuxa. Fil-btajjel

tal-Milied, 1927 darba wara nofs inhar, Dun Ġubrajil, Dun Longo, u aħna tal-iskola, lil dil-muntanja, morna nżuruha. Biex morna hemm. l-ewwel għaddejna minn Wâdi l-Qrad, li hu ħarġa djar, jew aħjar griebeġ, fuq iż-żewġt iġnieb ta' wied dejjaq, li minn miegħu għaddejja trejqa. Innies ta' hemm għandhom ħafna klieb, u qisu fuq kull bejt kien hemm kelb jew tnejn, u aħna u għaddejjin, jarawna nies għorba, għamlulna festa: kollha j'nbħu kemm għandhom saħħa! Minn hemm qbadna telgħa wieqfa, li max-xellug tagħha kien hemm wied żgħir kollu ħaxix. Għadni niftakar ġewwa dan il-wied kien hemm ħmar magħqur kollu dbâbar mitluq waħdu, jotrod 'l hawn u 'l hemm, u jnaqqar il-ħaxix. Dun Ġubrajil qalilna li dak ikun ħmar xiħ jew marid, li sidu, biex jeħles minnu, u ma jagħlfux, billi ma jkunx jiflaħ għax-xogħol, jitilqu għal ruħu. Jekk jgħix, jgħix; jekk imut, imut. Imma jekk ikun marid u jgħix, sidu jarġa' jieħdu. Fejn jorqod, ħmar mitluq hekk, fix-xitwa, f'dak il-bard tas-Salt, ma nafx. Jista' jkun li hemm xi għar u bl-lejl idabbar rasu ġewwa fih.

Bqajna sejrin mat-telgħa, u hemm ukoll kien hemm ħaġa għariba. Hemm ħaġar, tal-qawwi, lixx u mdawwar, nofsu abjad u nofsu aħmar, donnu perżut! Donnu ħaġar nofsu maħruq. Imma maħruq ma hux, daqs kemm hemm minnu. U min sa jaħraq il-ħaġar imbagħad ixerrdu waħda 'l hemm u oħra 'l hawn, mattr:q? Dak il-lewn aħmar aktarx ikun hemm għax il-ħaġra fiha xi ħaġa kimika, mill-ħolqien.

Wara telgħa twila, wasalna fuq il-quċċata ta' Ġebel Għuxa, tliett-elef, u ħames mija, u sebgħa u disgħin pied (3,797) ogħla minn wiċċ il-baħar Mediteran, li jagħmlu erba' darbiet u nofs ogħla mill-ogħla muntanja li fiha Malta. Hemm fuq kien hemm dehra sabiħa, imma kesħa rqiqa, xxoqq il-għadam, f'dak il-għoli kollu, u jumejn wara l-Milied, kien hemm ukoll. Taħtek, lejn ix-xellug tara biċċa kbira mill-baħar il-Mejjet, lewnu iżraq-sewdieni, wiċċu mkemmex b'mewġ żgħir-żgħir, jiġri wara xulxin. Lejn il-lemin, il-ħondoq tal-Għor, li minn ġewwa fih għaddejja sserrep ix-xmara tal-Ġurdan, sejra lejn il-Baħar il-Mejjet. Quddiemek iġbla, u iġbla, ġewwa xulxin, u fil-bgħid il-bgħid, Ġebel ogħla mill-oħrajn, li hu Ġebel iż-Żejtun, jew il-*Muntanja taż-Żebbuġ*, qrib Ġerusalem. Fuq din il-muntanja, jekk ikollok għajnejk tajbin u tgħarrex sewwa, tara donnha ponta ta' labra, li hu l-kanpnar tal-knisja tas-Sorijiet Russi ma' ġenb Bet-Fâġ. Minn Ġebel Għuxa sa dak il-kanpnar hemm bgħid xi ħaġa malerbgħin mil, għaxar mili biss anqas minn Malta sa Capo Passero, fi Sqallija. Anqas temmen li jidher kanpnar bil-għajnejn! Imma tas-sew jidher, għax jien rajtu u sħabi rawħ ukoll. In-naħat l-oħra kollha għoljiet u rqajja' ħodor, fejn kien hemm ir-raba, u xi naqra ta' raħal bi ftit djar. U fis-skiet ta' dak il-għoli kien jistama jgerger il-vapur tal-art, li mill-Eġittu jieħu għas-Surija.

Fuq din il-muntanja qagħdna ndu-ru u nħarsu 'l hawn u 'l hemm. Kien hemm girna bla saqaf, aktarx tal-kaċċaturi, bħal dawk il-grieni li jkun hemm fuq l-imnasab, hawn Malta. Kien hemm irqajja' ta' ħamrija, u ġebel u ħaxix. Fil-ħamrija kien hemm għadd ta' braġ tat-trab, wara xulxin, bħal trejqa. Dawk il-braġ jagħmluhom annimali żgħar jgħidulhom ħlond (bit-Taljan, *talpe*, u bl-Ingliż *moles*) li jku-

nu donnhom ġrieden bla denb, lewnhom kannella, li f'ħajjet Alla, ma hawnx minnhom Malta. Dawn jagħmlu mina taħt l-art, fil-ħamrija, u jieklu l-egħruq tal-ħaxix li jsibu, għal hekk jagħmlu ħafna ħsara fil-miżrugħ. Kull kemm iniffdu l-mina għal fuq wiċċ l-art, biex jitfgħu barra l-ħamrija li jkunu qalgħu.

Dun Ġubrajil kellu ħatar bil-ponta tal-ħadid, u qagħad jara jaqbadx xi ħlonda. Joqgħod għassa fejn jara l-borġ tat-trab jiċċaqlaq, u jagħti daqqa bil-ponta tal-ħatar fuq it-trab; għax il-ħlond dak il-ħin ikun hemm, jitfa' t-trab 'il fuq bi mnieħru, u jekk jolqtu bid-daqqa, joqtlu. Imma għal xejn, għax ma qatel ebda waħda. U meta xbajna nduru u nħarsu, u x-xemx bdiet titbaxxa, qbadna neżlin lejn is-Salt aħna wkoll, ħalli neħelsu minn dak il-bard. ELSIE.

# IL-MEKKA

Min jâf, int li qiegħed taqra, kemm il-darba smajt lil min isemmi l-Mekka! X'hemm il-Mekka? Il-Mekka hemm l-"Imkejjen Imqaddsa" tal-Misilmîn, istħajjilha Ġerusalêm għall-Insâra. Bħal ma l-Insâra jmorru Ġerusalêm, ijżuru l-Imkejjen Imqaddsa, hekk il-Misilmîn ijmorru l-Mekka; bil-għażla li l-Insâra jmorru s-sena kollha, meta jrîdu f'ġemgħat kbar jew żgħar, u drabi xi wieħed waħdu wkoll, waqt li l-Misilmîn ijmorru kollha fi żmien wieħed tas-sena, fix-xahar tar-Ramadân. Ijmorru xejn Misilmîn ijżuru l-Imkejjen Imqaddsa tal-Mekka? Uh! Wisq u wisq aktar milli jmorru l-Palestîna l-Insâra. Fis-sena 1957, kif kien hemm miktub fil-gazzetta tal-Mekka imsemmija: "Umm il-Qura", marru qrîb il-MILJUN! Fis-sena 1960, kif xandret din il-gazzetta nfisha, marru 750,000 (seba' mija u ħamsin elf).

Kull Mislem ħieles (li ma jkunx marîd, jew ilsîr, etċ), jekk ikollu flus biż-żejjed għan-nefqa, għandu tal-anqas darba waħda f'ħajtu, ijmûr ijżûr il- Kagħba, jiġifieri l-Maqdes il-Kbir li jinsab fil-Mekka (għax il-Mekka isem ta' belt). Kull mîn ijmur hemm għandu l-jedd li, wara li jarġa' lejn pajjiżu, jilbes f'rasu l-lefqa ħadra, u li n-nies jgħajjtulu "Haġġ". Din iż-żjara lil Kagħba ssir b'àmar ta' Mohammed, il-profeta l-Kbir tal-Misilmîn, u dan l-àmar kitbu fil-"Ktieb Imqaddes" tiegħu, li jgħidulu l-Qorân. Fil-Qorân, Muhammed lil Misilmîn kitbilhom hekk: "Agħmlu ż-żjajjar tagħkom lill-Imkejjen Imqaddsa għall-imħabba t'Alla, imma jekk tkunu miżmûma (mill-egħdewwa) ijkun sewwa li tibdlu ż-żjâra ma' għotjiet li tistgħu tibgħatu bla ma tbatu; u sa kemm dak li tibgħatu ma jkunx għadu wasal, ma għandkomx tqarwżu x-xagħar ta' raskom. Imma jekk xi wieħed ijkun marid, jew ijkollu xi wġiegħ ta' ras, u għal hekk jitqarweż, għandu jibdel dan l-àmar ma' sawma, jew ma' għoti ta' rahma lil foqra, jew ma' xi debħiet. Meta tkunu sielmîn, min ijrîd li tiswielu aktar din iż-żjara, jagħti l-għotjiet li jista', u jekk ma jkunx jista', għandu jsum tliet sawmiet fi żmien iż-żjara, u seba' sawmiet wara, li jagħmlu għaxar sawmiet sħâħ. Dan l-àmar hu għal min ma jkollux il-familja miegħu fit-Tempju Mqaddes; imma ibżgħu minn Alla, u kunu afu li Alla jħallas bl-aħrax. Iż-żjara għandha ssir fix-xhur il-magħrufa; u kull min